**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 9**

13 ta' Jannar 2025

Id-disa' (09) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

9.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

9.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

9.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

9.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tat-tminn (8) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

9.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, SSH, NH, JH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

9.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

9.3.1. Is-Sindku talab kjarifika dwar deċiżjoni li ttieħdet mil-Kunsill f'laqgħa preċedenti li għaliha ma kienx preżenti. Il-Viċi Sindku JAE spjega li l-Kunsill kien iddeċieda li ma jiġux miżjuda membri tas-sottokumitati fiċ-chats/gruppi tal-Whatsapp, eċċ.

9.3.2. Is-Sindku għamel riferenza għall-kwistjoni tad-dawl ta' Triq il-Kapuċċini u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet tkellmet mal-Enemalta li informawha li ser jieħdu ħsieb jagħmlu x-xogħol huma.

**Nota: 17:21 Il-Kunsillier JH talab li jkun skużat.**

9.3.2.1. Il-Kunsillier SSH kompliet billi talbet li tkun informata appena jkun hemm gwardjan lokali ikkonfermat, ħalli tkun tista' tikkoordina mal-Enemalta.

**Nota: 17:22 Il-Kunsillier JH reġa' rritorna għal-laqgħa.**

9.3.2.2. Is-Sindku NH talab li ssir insistenza peress li dan kien xogħol urġenti.

9.3.3. Is-Sindku ressaq talba mingħand resident sabiex ikun jista' jpoġġi cone fit-triq, minflok ma jinġieb gwardjan lokali kull darba li jkollu bżonn jaħdem fi Triq is-Suq. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni ġaladarba kienu l-LESA stess li kienu issuġġerew li jsir hekk jekk ikun hemm alternattiva xierqa.

9.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Project Green fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser jinżammu konsultazzjonijiet inizjali ma' diversi entitajiet u organizzazzjonijiet rigward avvenimenti organizzati.

9.3.5. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien ġie ikkuntattjat mill-ERA fejn ġiet diskussa l-kwistjoni tal-bżonn ta' sorveljanza.

9.3.6. Is-Sindku ressaq talba għall-parkeġġ riservat personalizzat fi Triq l-Argotti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

9.3.7. Is-Sindku ressaq talba mingħand is-Soċjeta Filarmonika Vilhena biex iċaqalqu b'mod temporanju l-qsari minn fuq iz-zuntier tal-knisja minħabba l-kunċert li ser itellgħu dalwaqt. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi kienet kontra li dawn jiċċaqalqu minħabba l-possibbiltà li jinkiser xi wieħed. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jressaq it-talba lil Malta Tourism Zone sabiex dawn jitressqu.

**<u>Nota: 17:35 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.</u>**

9.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Kunsill Lokali tal-Pietà fejn talbu lill-Kunsill jikkunsidra li parti mill-konfini tal-Floriana tiġi taħt il-Pietà minħabba li l-piċċ tal-boċċi tal-Pietà kien jinsab fil-konfini tal-Floriana. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li għandu jċedi parti mil-konfini tiegħu.

9.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talbu li jikkomunikaw mal-Kunsill rigward il-byelaw tar-reġistrazzjoni tal-garaxxijiet. Is-SE qal li kkuntattjatu l-Avukat tad-Dipartiment u nfurmatu li lura fl-2017 kienu bagħtu tweġiba lill-Kunsill tinfurmah li waħda mill-klawsoli (3.2) tal-byelaw hija kunflinġenti ma' L.S. 65.11 li tipprovdi li quddiem garaxx hija l-Awtorità dwar it-Trasport li tapprova żebgħa ta' sinjali sofor.

9.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta li nformaw li kienet ser issir dimostrazzjoni nhar id-19 ta' Jannar 2025. Huma talbu li jitneħħew il karozzi minn Triq l-Iljun. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

9.3.11. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand resident fejn informa li la hu, u lanqas il-membri tal-familja tiegħu, ma kienu inkarigaw lil ħadd jitkellem f'isimhom fir-rigward tal-kwistjoni tal-proġett ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana.

9.3.11.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li meta kienet inżammet il-laqgħa, dan ir-resident ma kienx preżenti għal-laqgħa u allura wieħed ma setax ikun jaf l-opinjoni tiegħu ladarba m'attendiex.

9.3.11.2. Is-Sindku ippropona biex wara li jiltaqa' mal-kuntrattur, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa mar-residenti sabiex kulħadd ikun jista' jressaq l-opinjoni tiegħu.

## 9.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

9.4.1. Il-Viċi Sindku JAE staqsa rigward is-sitwazzjoni tal-ilma li qed jinżamm fi Pjazza Sir Luigi Preziosi u staqsa jekk kienx sar kuntatt mal-entità li għamlet ix-xogħol. Is-SE qal li l-ilmenti kollha kienu ġew mgħoddija lil Transport Malta. Il-Viċi Sindku JAE talab i tintbagħat tfakkira.

9.4.2. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-plakek li tneħħew minn Ġnien il-Mall u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE wieġeb li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

9.4.3. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għal tabelli ġodda li saru fi Ġnien il-Mall u qal li fil-passat il-Kunsill kien ressaq talba biex ma jitħallewx jidħlu vetturi b'żewġ roti fil-ġnien. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jwaħħal tabella li ma jistgħux jidħlu nies minn għaxar snin il' fuq b'vetturi ta' dan it-tip.

9.4.4. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-proposta li ressaq fil-laqgħa li għaddiet rigward il-mappa max-xatt. Is-SE wieġeb li għandu jieħu ħsieb jikkomunika mal-kunsill tal-Belt Valletta.

9.4.5. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward is-subways u ippropona li ssir laqgħa mal-Cleansing Department sabiex jiġu diskussi xi materji relatati. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

9.4.6. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għal-lista tad-dekasteri u staqsa jekk din kienitx bdiet titqassam. Is-SE qal li l-amministrazzjoni qed taħdem fuqha sabiex din titqassam mill-aktar fis.

9.4.7. Il-Viċi Sindku JAE informa li kien bagħat korrispondenza rigward it-toqba li hemm quddiem il-Knisja ta' Sarria. Il-Kunsill iddiskuta l-bżonn li jsir xogħol fuq dik it-triq.

9.4.8. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għad-dawl ta' Pjazza Sir Luigi Preziosi u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li kien ġie l-electrician u għandu jibgħat rapport ta' x'hemm bżonn li jsir.

9.4.8.1. Is-Sindku qal li t-timer ma kienx qed jaħdem sew u hemm bżonn li jiġi rranġat. Is-SE qal li kien ser jissuġġerixxi li t-timers ikunu awtomatiċi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

9.4.9. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għas-sinjali fi Triq il-Vittmi Furjaniżi tal-Gwerra. Is-SE qal li kien qed jistenna kwotazzjoni oħra. F'każ li ma jkunx hemm risposta, il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bil-kwotazzjonijiet li għandu.

9.4.10. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienux tnaddfu l-culverts ta' Pjazza Sir Luigi Preziosi. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb jistaqsi lill-kuntrattur.

9.4.11. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-proposta li ressqet dwar ritratti antiki ta' Ġnien il-Mall u staqsiet lill-Viċi Sindku jekk kienx hemm xi żvilupp. Il-Viċi Sindku qal li kien għadu ma sabx ir-ritratti mitluba.

9.4.12. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-murali f'Xatt iċ-Ċangatura. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx tweġiba.

9.4.13. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba mingħand xi residenti sabiex il-Kunsill jagħti permess li jtellgħu ir-roti tal-karozza fuq il-bankina fiż-żona ta' ħdejn il-Housing Estate. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx.

9.4.14. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-latrini taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE wieġeb li l-kuntrattur informah li kien għadu qed jistenna l-materjal ordnat. Il-Kunsill esprima d-diżappunt tiegħu dwar l-ispejjeż u l-inkonvenjent li kien qed jinkorri l-Kunsill kawża ta' dan id-dewmien.

9.4.15. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur ibaxxi ftit xi arbuxelli li hemm fi Ġnien Preziosi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

9.4.16. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li ssir struttura ta' siġra tal-Milied fil-lokalità għal żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel li jitlob stima.

9.4.17. Il-Kunsillier JH għamel riferenza għall-bżonn tal-linji fi Triq l-Imħażen. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb ikellem lill-kuntrattur.

9.4.18. Il-Kunsillier JH għamel riferenza għall-bankina fi Triq il-Miratur u qal li hemm bżonn titranġa. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jinforma lill-ħaddiema tar-Reġjun Port sabiex jagħmluha.

9.4.19. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-ispralli li hemm fi Triq San Publju. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet.

9.4.20. Il-Kunsilliera JP irringrazzjat lis-SE għall-korrispondenza li ntbagħtet lill-Water Services Corporation. Hija talbet li terġa' tintbagħat tfakkira.

9.4.21. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm żvilupp rigward l-installazzjoni tal-bins. Is-SE informa li d-dog bins għadhom ma ġewx iżda l-bins tal-ġnien għandhom jibdew jiġu installati dalwaqt.

9.4.22. Il-Kunsilliera SSH staqsiet dwar il-korsijiet tal-line dancing. Is-SE informa li dan is-servizz ser jibqa' jingħata sakemm jibqa' jkun hemm interess.

9.4.23. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-palmi fi Triq Sant' Anna u qalet li hemm bżonn li jinżabru. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lil Transport Malta.

9.5 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

9.5.1. Ma kienx hemm rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

9.6 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI**

9.6.1. Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 08/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

9.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

**Nota: 18:18 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**

9.7 **APPROVAZZJONI TA' PERFORMANCE APPRAISALS TAL-IMPJEGATII**

9.7.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ id-diskussjoni billi qal li jridu jiġu approvati il-performance appraisals tal-impjegati.

**Nota: 18:22 Is-Sindku NH reġa' rritorna għal-laqgħa.**

9.7.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill approva l-performance bonuses tal impjegati inkluż dawk tal-ħaddiema tal-iskemi CWS u RSSL. Is-SE talab li jiġi emendat l-ammont tal-performance bonus tal-ħaddiem tal-RSSL biex ikun ekwivalenti għal dak tal-ħaddiema tal-CWS. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 18:24 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

9.8 **JUM IL-FLORIANA U FESTA TA' SAN PUBLJU**

9.8.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li wieħed irid jibda jaħseb fuq il-premjazzjonijiet li jingħataw dakinhar ta' Jum il-Floriana. Huwa kompla billi qal li jħoss li hemm bżonn li jsir aġġornament tal-premji u tal-mod kif jingħataw.

**<u>Nota: 18:25 Il-Kunsilliera SSH reġgħet irritornat għal-laqgħa.</u>**

9.8.2. Is-Sindku semma xi wħud mill-personaġġi li kien beħsiebu jipproponi.

9.8.3. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li jsir ukoll aġġornament tal-premju innifsu u li minflok plattin, isir xi ħaġa isbaħ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

9.8.4. Il-Kunsillier JH staqsa jekk kienx ser ikun hemm attivitajiet organizzati b'mod konġunt mal-parroċċa. Is-Sindku ikkonferma li ta' kull sena il-Kunsill jorganizza numru t'attivitajiet b'mod konġunt. Huwa kompla billi qal li l-Arċipriet kellu jkellmu wkoll fuq l-attivitajiet taċ-ċentinarju.

9.8.5. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill itella' t-tabella ta' San Pubju fi Triq Sant 'Anna dik il-ġimgħa u titħalla hemm sal-festa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

9.8.6. Is-Sindku fakkar fir-riċeviment li jorganizza l-Kunsill nhar il-21 ta' Jannar. Huwa fakkar ukoll li l-Kunsill normalment jattendi għall-quddiesa tal-festa.

9.8.7. Is-Sindku qal li kien mistieden għal konferenza tal-logħob tan-nar f'Novembru. Huwa qal li l-MTA għandhom jorganizzaw laqgħa mal-Kunsill dalwaqt sabiex jiġi diskuss il-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

9.8.8. Is-Sindku ippropona li jiġi ordnat bukkett għall-Ħadd ta' wara. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

9.8.9. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għal-laqgħa li nżammet mal-Fergħa Armar ta' Barra fejn ipproponew li jsir sinjal mal-art biex ma jkunx hemm iktar ostaklu fuq il-bankina u biex l-antarjola ma jkunx hemm bżonn tinqala'. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel mal-proposta. Is-SE ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jitlob l-approvazzjoni tal-entitajiet konċernati iżda l-Kunsill ma rax il-bżonn ladarba jkun hemm tabella jew bollard.

## 9.9 ATTIVITÀ TAL-KARNIVAL

9.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi talab lis-SE sabiex jispjega aħjar.

9.9.2. Is-SE qal li kienet ħarġet applikazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill kien ressaq l-applikazzjoni tiegħu iżda kien għadu qed jistenna risposta sabiex jara jekk din kinitx ġiet approvata.

9.9.3. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li l-Kunsill joħroġ iktar mill-fondi li jingħata mill-iskema ġaladarba fil-Floriana diġà jiġi organizzat il-karnival nazzjonali. Il-Kunsill qabel.

## 9.10 MASĠAR IL-ĠUBLEW / PROJECT GREEN

9.10.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien tkellem mal-Ministru Miriam Dalli u kien qajjem diversi punti, kif ukoll kien ingħata iktar informazzjoni.

9.10.2. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għad-dokument mibgħut u qal li għandhom jintalbu xi kjarifiċi. Huwa qal li għandu jieħu ħsieb iressaq xi mistoqsijiet oħra li kien għadhom ma kienux imwieġba.

## 9.11 TIŻJIN TAL-MILIED / CHRISTMAS VILLAGE

9.11.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien iltaqa' mal-avukat tal-kumpanija Just Christmas Ltd. fejn, mingħajr preċedent, kien talab li l-Kunsill jikkunsidra li l-kumpanija terġa' tingħata lura l-ammont kollu tal-garanzija bankarja li tat lill-Kunsill fid-dawl li l-kumpanija kienet għamlet telf sostanzjali minn din l-inizjattiva.

9.11.2. Is-Sindku qal li l-Kunsill inkorra spejjeż addizzjonali minħabba li l-ftehim u l-wegħdiet li saru ma kienux inżammu, bħall-armar ta' Triq Sant'Anna u xi nuqqasijiet oħra.

9.11.3. Is-Sindku qal li jekk it-tiżjin u l-affarijiet li għad fadal fil-ġnien, jiżżarma s'għada, allura ma jkollux oġġezzjoni li parti mil-garanzija tingħata lura, u li tinżamm is-somma ta' €1200.

9.11.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li għal fini ta' trasparenza, konsistenza, u każijiet futuri possibbli, jaqbel li għandu jinżamm dan l-ammont.

9.11.5. Il-Kunsilliera SSH qalet li tħoss li għal din id-darba, il-Kunsill għandu jirritorna l-garanzija bankarja kollha lura għax is-Sur Haber kien prova jagħmel xi ħaġa għall-ġid biex jiġbed iktar nies lejn il-lokalità. Hija qalet li forsi dawn in-nuqqasijiet saru minħabba li kienet l-ewwel esperjenza tiegħu.

9.11.6. Il-Kunsilliera JP qalet li għalkemm kienet l-ewwel darba, tħoss li kien hemm biżżejjed żmien biex il-pjan isir sew. Hija qalet li l-Kunsill għandu jkun trasparenti u ġust ma' nies u applikanti oħra anke f'każijiet futuri.

9.11.7. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku NH biex jiġu rtirati €1200 mill-garanzija biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż żejda li l-Kunsill kellu jagħmel u nuqqasijiet oħra, u jirriserva li jżomm parti oħra mil-garanzija jekk ma jsirx iż-żarmar fi żmien tmienja u erbgħin siegħa u wara li jiġi ċċekkjat li m'hemmx danni tanġibbli, issekondat mill-Viċi Sindku JAE, bir-riżultat kien:

Favur: 3 (NH, JAE, JP)
Kontra: 1 (SSH)

Il-Kunsillier JH ma kienx parteċipi fil-vot jew diskussjoni minħabba li kellu kunflitt t'interess indirett.

9.11.8. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb u jinforma lill-avukat tal-kumpanija bid-deċiżjoni meħuda inkluż li kien qed jingħata tmienja u erbgħin siegħa biex iżarma l-affarijiet li kien fadal.

## 9.12 RIĠENERAZZJONI TAL-LOKALITÀ

9.12.1. Il-Viċi Sindku JAE ressaq quddiem il-Kunsill dokument dwar il-pjan ta' riġenerazzjoni tal-Floriana.

9.12.2. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi iċċirkolat sabiex ikun jista' jirrevedih sal-laqgħa li jmiss u adottat jekk ikun hemm qbil.

## 9.13 ISLE OF MTV

9.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi irrefera għall-kunċert tal-Isle of MTV.

9.13.2. Il-Kunsill iddiskuta l-bilanċ pendenti li l-MTA għandhom mal-Kunsill.

9.13.3. Wara li ddiskuta, is-Sindku ressaq mozzjoni biex, għalkemm m'għandu xejn kontra li l-kunċert isir fil-lokalità, jekk l-MTA ma jħallsux il-bilanċ dovut il-Kunsill ma kienx ser jagħti in-no objection neċessarja għall-organizzazzjoni tal-kunċert. Din il-mozzjoni kienet issekondata mil-Viċi Sindku JAE.

9.13.4. Il-Kunsilliera SSH ressqet kontro mozzjoni biex il-Kunsill jikteb u jitlobhom iħallsu l-bilanċ iżda anke jekk il-bilanċ ma jitħallasx fil-ħin, il-Kunsill għandu joħroġ in-no objection letter xortawaħda u dan minħabba li ma kienx ġust li jbatu n-negozji żgħar tal-lokalità. Il-Kunsillier JH issekonda din il-mozzjoni.

9.13.5. Ittieħed vot favur il-kontro mozzjoni mressqa mil-Kunsilliera SSH, bir-riżultat ikun:

Favur: 2 (SSH, JH)
Kontra: 3 (NH, JAE, JP)

9.13.6. Ittieħed vot favur il-mozzjoni mressqa mis-Sindku NH, bir-riżultat kien:

Favur: 3 (NH, JAE, JP)
Kontra: 2 (SSH, JH)

**Nota: 19:20 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

9.13.7. Għalhekk il-Kunsill qabel li m'għandix toħroġ in-no objection neċessarja mill-Kunsill jekk il-bilanċ ma jiġix imħallas sal-aħħar ta' Jannar.

## 9.14 ST PATRICK'S (SUN)DAY

9.14.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li s-sottokumitat ta' St Patrick's Sunday kien qed jaħdem qatigħ.

9.14.2. Huwa kompla billi ħeġġeġ lill-kunsillieri biex jekk possibbli, jottjenu sponsorships sabiex l-attività tkun ta' suċċess. Huwa qal li kien irnexxielu jġib sponsorship mill-Grand Hotel Excelsior.

9.14.3. Is-Sindku kompla jħeġġeġ lill-kunsillieri jattendu għal-laqgħat tas-sottokumitat u issuġġerixxa li anke jekk ma jattendux, għandhom iżommu kuntatt dirett mas-segretarja bil-proposti u s-suġġerimenti tagħhom.

9.14.4. Il-Kunsillier JH staqsa jekk hux ser ikun hemm logħob dakinhar tal-attività. Il-Viċi Sindku JAE ikkonferma li t-tim tal-Floriana ma kienx ser jilgħab dakinhar.

9.14.5. Is-Sindku qal li kienu għamlu kuntatt l-Assoċjazzjoni tal-Veterani Irlandiżi li kienu ġejjin Malta u xtaqu jieħdu sehem fil-parata. Huwa kompla billi qal li l-għada kienu ser jieħdu sehem fil-quddiesa.

9.14.6. Il-Kunsilliera SSH qal li membru tas-sottokumitat kellu jġib kwotazzjoni mingħand The Baxters. Il-Kunsill qabel li għandu jfakkar lis-sottokumitat.

9.14.7. Il-Kunsillier JH ippropona li jinġieb DJ. Is-Sindku qal li ma jaqbilx minħabba li l-attività kienet waħda għall-familja u mhux street party bħalma jsir f'irħula oħra. Is-SE qal li jekk jinġieb DJ, ikun hemm bżonn iktar permessi u jiżdiedu l-kundizzjonijiet tal-Pulizija minħabba li l-attività tieħu xejra oħra.

## 9.15 DAWL DEKORATTIV TA' TRIQ SANT' ANNA

9.15.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li ma kienx finanzjarjament vijabbli li jiżżarma d-dawl u jerġa' jintrama dawl ġdid.

9.15.2. Għalhekk huwa ippropona li jintalbu kwotazzjonijiet biex jitranġa d-dawl.

9.15.3. Il-Kunsillier JH issuġġerixxa li l-materjal jinxtara mis-sors u mhux minn resaler ħalli l-Kunsill jiffranka l-flus.

9.15.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għalissa jġib kwotazzjoni għax-xogħol tal-idejn.

## 9.16 DOKUMENT 'INSEBBĦU L-FLORIANA FEJN NGĦIXU U NAĦDMU

9.16.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li inħoloq dokument li ġie iċċirkolat fis-sotto kumitat tal-indafa pubblika u l-ambjent.

9.16.2. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jadotta dad-dokument bħala bażi. Il-Kunsill qabel.

## 9.17 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

9.17.1. Il-laqgħa intemmet fis-19:50 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 13 ta' Frar 2025 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum il-Ħamis 13 ta' Frar 2025**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |